**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Diċembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 81/2015 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u minn din l-unjoni twieldet tifla li jisimha E D B fil-15 ta' Marzu 2011 u dan skond kif jindika c-certifikat tat-twelid hawn anness ma' dan ir-rikors guramentat immarkat bhala Dok A;*

2. *Illi l-konvenut qatt ma wera interess fil-minuri la biex ihallas manteniment u lanqas biex ikollu access ghaliha, fil-fatt kull forma ta' tentattiv biex jintlahaq ftehim u dejjem sfumaw fix-xejn;*

3. *Illi l-minuri ghandha problema serja f'sahhitha u cioe' hija tbati bil-kundizzjoni li hija coeliac u ghalhekk ma tistax tiekol kollox fil-fatt hawn annessa Dok B case summary ta' meta l-minuri kellha tidhol l-isptar;*

4. *Illi dan ifisser li l-esponenti tonfoq izjed fuq hajjet il-minuri milli jonfqu fuq tfal normali u dan peress li l-prodotti li trid tixtri l-esponenti ghall-minuri jiswew hafna iktar flus u ghalhekk se tigi bzonn li tinghata mill-intimat retta alimentarja iktar gholja biex hija tkun tista' tkopri l-ispejjez relatati mal-minuri u dan ta' kuljum;*

5. *Illi minhabba f'hekk tort tal-fatt li l-intimat huwa disinteressat minn bintu l-esponenti ilha prattikament minn meta twieldet t-tifla taghha ssibha difficli biex tezercita' d-drittijiet u l-obbligi taghha bhala genitur tal-minuri kemm in konnessjoni ma skejjel, ma studju, ma safar u affarijiet simili billi kull darba tkun kostretta titlob l-Awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja meta tigi biex tiehu xi decizjoni dwar il-kura u kustodja tat-tifla taghha;*

6. *Illi l-konvenut ma hux persuna idonea la biex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri f'idejh u peress li huwa qatt jew rarament kien jinteressa ruhu biex ikollu access ghall-bintu jehtieg li jekk din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tipprovdi li jinghata access lilu dan isir b'mod gradwali dan peress li kif ga msemmi l-minuri ftit li xejn tafu lill-intimat. Illi dan se jirrizulta wkoll waqt is-smigh tal-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

7. *Illi kull tentattiv ghal ftehim bonarju falla u l-esponenti giet awtorizzata biex tmexxi b'din il-procedura skont digriet datat 2 ta' April 2015 han anness u mmarkat bhala Dok C;*

*Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minrui E tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici u tiffissa granet u hinijiet li fih il-konvenut ghandu jezercita access fil-konfront tal-minuri that dawk il-kundizzjonijet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;*

2. *Tordna illi kull beneficcju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri tinghata unikament lir-rikorrenti;*

3. *Tiffissa rata ta' kull gimgha li l-intimat ikun ikkundannat ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment xieraq ghall-minuri E liema manteniment ghandu jkun wiehed gust tenut kont il-kundizzjoni tal-minuri, ghandu jkopri wkoll l-edukazzjoni u sahha tal-minuri u mhux biss l-ghixien taghha u liema manteniment ghandu jigi rivedut minn zmien ghal zmien, u konsegwentament tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti, ta' kull gimgha dik is-somma li tigi hekk iffissata;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u ppreżenta risposta ġuramentata fejn ġie eċċepit:[2]

1. *In-nullita' tal-proċedura u dan peress illi l-kawża odjerna giet intavolata waqt li l-medjazzjoni numru 764/14 bejn l-istesspartijiet kienet ghadha miftuha. F'din il-medjazzjoni l-Qorti ordnat l-gheluq tagha fit-28 ta' April 2015 mentri l-kawza giet intavolata fit-13 ta' April 2015, kopja legali tad-digriet qieghed jigi hawn mehmuz u market Dok A. Huwa inkoncepibbli li tigi intavolata kawza waqt li l-medjazzjoni bejn l-istess partijiet tkun ghadha miftuha.*

2. *Illi ma jkunx fl-interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici.*

[2] Fol. 23.

3. *Illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghat-tieni talba.*

4. *Illi t-tielet talba ghandha tintlaqa' tenut kont il-bzonnijiet tal-minuri u l-mezzi tal-partijiet. Id-digriet tat-28 ta' April 2015 gia' jindirizza t-tielet talba u li kieku l-attrici stenniet l-ezitu ta' dan id-digriet kienet tigi evitata l-kawza.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u taz-zewg procedure tal-medjazzjoni kontra l-attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' E D B, li jġib in-numru progressiv 1091 tas-sena 2011;[3]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 2 ta' April 2015,[4] fl-atti tal-Ittra tal-Medjazzjoni bin-numru 936/2014 RGM, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi. Magħdud ma' dan, iddikjarat magħluqa ukoll il-proċeduri tal-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' April 2015,[5] fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[8]

---

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 16.
[5] Fol. 28.
[6] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2015, a fol. 30.
[7] Fol. 220.
[8] Fol. 219.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E D B nhar il-15 ta Marzu 2011. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċat tgħix mal-attriċi filwaqt li l-konvenut kien qed igawdi mid-dritt ta' aċċess għal bintu u jikkontribwixxi finanzjarjament billi jħallas manteniment. Jirriżulta illi *pendente lite* hemm *in vigore* numru ta' digrieti dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri. Jingħad illi tenut kont tal-atteġjament skorrett tal-konvenut fir-rigward tal-minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward bintha minuri tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li jiġi ffissat mod ta' kif jista jiġi eżerċitat l-aċċess mil-konvenut fil-konfront tal-minuri;

ii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas tali manteniment kif likwidat kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

iii. Tordna li kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li għalih tkun intitolata l-minuri, għandu jkun perċepibbli lill-attriċi.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jissolleva eċċezzjoni preliminari ta' nullita' tal-proċeduri istanti, u konsegwentament fil-mertu joġġezzjona li l-kura u kustodja tkun afdata esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li jaqbel li jitħallas manteniment għal minuri salv illi dan isir skont il-mezzi tal-partijiet.

## 2. Eċċezzjoni Preliminari: Nullita' tal-proċedura stante li l-azzjoni odjerna ġet intavolata waqt li l-proċedura tal-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM kienet għadha miftuħa:

F'dan ir-rigward, il-Qorti rat:

i. Id-digriet tal-Qorti datat 2 ta' April 2015,[9] fl-atti tal-Ittra tal-Medjazzjoni bin-numru 936/2014 RGM, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi. *Magħdud ma' dan, iddikjarat magħluqa ukoll il-proċeduri tal-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM* (enfasi tal-Qorti);

ii. Id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' April 2015,[10] fl-atti tal-Ittra tal-Medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi.

B'hekk jidher li l-Qorti bi żvista għalqet il-proċeduri tal-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM darbtejn. Madanakollu mill-atti jidher ċar illi dawn il-proċeduri bin-numru 764/2014 RGM ingħalqu l-ewwel darba permezz tad-digriet datat 2 ta' April 2015, u għalhekk ma huwiex minnu li l-attriċi ppreżentat l-azzjoni odjerna waqt li l-medjazzjoni bin-numru 764/2014 RGM kienet għadha miftuħa. Fil-fatt jirriżulta li l-attriċi ppreżentat l-azzjoni nhar it-13 ta' April 2015 u ċjoe' qabel mal-Qorti ħarġet it-tieni digriet tagħha datat it-28 ta' April 2015, fejn erronjament u mill-ġdid ordnat li l-atti tal-medjazzjoni in kwistjoni jkunu magħluqa. Għaldaqstant l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, hija infondata u qiegħda tiġi per konsegwenza respinta.

## 3. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:*

L-attriċi xehdet *viva voce*,[11] fejn iddikjarat li hi mara tad-dar imma taħdem ukoll bħala *operator* mal-kumpanija Playmobil Malta Ltd fuq bażi *full-time*. Tikkontendi li lil konvenut saret tafu *online* fuq il-pjattaforma soċjali Facebook,

[9] Fol. 16.
[10] Fol. 28.
[11] Fol. 88.

fejn saru ħbieb, bdew jiltaqgħu u minn hemm inbniet relazzjoni, li minnha twieldet il-minuri Salesha nhar il-15 ta' Marzu 2011. Jingħad wara ħames (5) xhur tqala, il-partijiet ma baqgħux f'relazzjoni flimkien, iżda l-konvenut xorta waħda kien irrikonoxxha lil minuri bħala bintu. Jingħad li l-konvenut ried jagħmel test tad-DNA, fejn fil-fatt irriżulta li l-minuri hija tiegħu. Nonostante dan kollu, l-intimat qatt ma għamel kuntatt mal-attriċi jew ikkontribwixxa finanzjarjament għal minuri, għalkemm jingħad li fil-magħmudija kien ġab miegħu xi ħrieqi u bżonnijiet oħra. Konsegwentament u sakemm il-minuri kellha erba' (4) snin, l-attriċi qatt ma semgħat bil-konvenut u lanqas huwa qatt ma ttenta jibni relazzjoni ma bintu. Kien proprju appena bdiet l-proċeduri li l-attriċi semgħat minngħandu. L-unika darba li l-konvenut li pprova jara lit-tifla kien proprju meta l-attriċi infurmatu li l-minuri kienet l-isptar għal ħmistax-il (15) ġurnata, iżda din tispjega li kienet irrifjutat li tħallih tara lil minuri minħabba theddid preċedenti li jieħu lit-tifla meta jaraha barra. L-attriċi tispjega ukoll li l-minuri tbati minn kundizzjoni u hija *coeliac*.

F'xhieda ulterjuri,[12] l-attriċi kkonfermat li taħdem fuq bażi *full-time* mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u ġieli tidħol *overtime* fi tmiem il-ġimgħa. Tispjega li l-konvenut iħallas manteniment ta' €50 fil-ġimgħa li ma jkoprix l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, u kif ukoll li peress li l-minuri tbati minn *coeliac disease*, hija kostretta li tixtrilha ikel partikolari li huwa iktar għoli minn ikel normali. L-attriċi tikkonferma ukoll li sat-18 ta' Jannar 2017 ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.

Konsegwentament in kontro-eżami,[13] l-attriċi tikkonferma ukoll li l-€50 manteniment fil-ġimgħa jitħallas abbażi ta' digriet maħruġ mill-Qorti, u li meta hija titlob lil konvenut nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni huwa jħallashom mill-ewwel. Minħabba l-kundizzjoni tal-minuri, l-attriċi tgħid illi hija titħallas is-somma ta' €45 *f'vouchers fix*-xahar għal minuri mill-Gvern.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, fl-atti in ġenerali, tresqu s-segwenti provi:

a. *Case summary maħruġ mill-iSptar Mater Dei dwar il-kundizzjoni tal-minuri u ċjoe' li hija coeliac sa mill-eta' ta' sena u ħames xhur;*[14]

[12] Fol. 94.
[13] *Ibid.*
[14] Fol. 6.

b. *Dokument maħruġ mill-iSptar Mater Dei datat 20 ta' April 2015 u ffirmat minn Prof. Thomas Attard*,[15] fejn ġie kkonfermat li l-minuri E D B tbati minn *coeliac disease* u b'hekk għandha bżonn issegwi dieta stretta ta' prodotti *gluten free*;

c. *Dokument li jistabbilixxi li l-attriċi ilha taħdem mal-kumpanija Playmobil Malta Ltd. sa mit-23 ta' Novembru 2005, fuq bażi full-time ta' 3 shift basis mit-Tnejn sal-Ġimgħa bil-possibilita' li taħdem overtime fi tmiem il-ġimgħa;*[16]

d. *Payslip tal-attriċi maħruġa mill-Playmobil Malta Ltd*: (i) għax-xahar ta' Novembru 2016,[17] fejn l-attriċi kellha introjtu nett ta' €1671.08, u (ii) għax-xahar ta' Diċembru 2016,[18] fjn l-attriċi kellha introjtu nett ta' €1502.63;

e. *Prospett ta' spejjeż għal minuri*,[19] li jammonta għal €503.39.

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:*

Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jikkontendi illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima u minn din l-istess relazzjoni twieldet il-minuri E D B nhar il-15 ta' Marzu 2011. Jisħaq illi huwa għamel diversi tentattivi sabiex jinteħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet relatati mal-minuri, iżda dan qatt ma seħħ. Il-konvenut qiegħed jinnota illi t-tifla qiegħda dejjem titbiegħed minnu, hekk kif anke meta jipprova jikkuntatjaha t-tifla mhux qiegħda tkellmu u huwa jemmen illi dan kollu ġej mill-attriċi li qiegħda tinfluwenza lil minuri.

Il-konvenut jgħid ukoll li apparti li hemm nuqqas ta' qbil dwar l-aċċess, hemm ukoll nuqqas ta' qbil dwar il-manteniment. Fir-rigward ta' manteniment, il-konvenut jgħid li huwa qiegħed iħallas manteniment ta' €50 fil-ġimgħa u dan skont id-digriet tal-Qorti, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. L-attriċi tippretendi li dan jgħola għal €250 fix-xahar, u l-konvenut jgħid li huwa lest li jħallas tali somma, u dan eskluż nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u

[15] Fol. 92.
[16] Fol. 69.
[17] Fo. 98.
[18] Fol. 99.
[19] Fol. 100.

edukazzjoni, salv li l-irċevuti għandhom ikollhom xi forma ta' indikazzjoni li dawn verament huma intiżi għal minuri.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-aċċess, huwa jgħid li jixtieq li l-aċċess ikun kif ġej: (i) kull nhar ta' Tlieta mis-2.30 ta' wara nofsinhar sas-7.30 ta' filgħaxija, (ii) fil-vaganzi tal-Għid, Sajf u tal-Milied, l-aċċess jiġi estiż mill-10 ta' filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, (iii) *sleepover* fi tmiem il-ġimgħa, b'mod alternat minn ġimgħa għall-oħra, darba mill-Ġimgħa mis-6 ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-6 ta' filgħaxija, u darba mis-Sibt mill-5 ta' filgħaxija sal-Ħadd fil-5 ta' filgħaxija, (iv) fil-festi u btajjel pubbliċi, dawn għandhom jiġu alternati minn festa għall-oħra, b'dan illi l-aċċess tal-konvenut ikun *sleepover* ta' 24 siegħa u ċjoe' mis-6 ta' filgħaxija ta' lejliet il-festa sas-6 ta' filgħaxija ta' jum il-festa, u f'każ li l-festa taħbat meta l-konvenut ikolu aċċess, huwa ma għandux jitlef l-aċċess tiegħu u din tkun tista' tiġi eżerċitata f'ġurnata oħra, (v) f'Jum l-Omm u Jum il-Missier, it-tifla għandha tqatta' dak il-jum mal-ġenitur rispettiv, b'dana illi f'Jum il-Missier l-aċċess ikun mill-10 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija, u fil-*weekend* li jaħbat Jum l-Omm, il-konvenut jaqbel illi meta jinzerta li jkollu *sleepover* mis-Sibt għall-Ħadd huwa jiġbor lil minuri fil-5 ta' wara nofsinhar u jwassalha lura l-Ħadd fl-10 ta' filgħodu, (vi) f'Jum għeluq snin il-konvenut, f'każ li din taħbat f'ġurnata meta t-tifla ma jkollhiex skola, l-aċċess għandu jkun mill-11 ta' filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, iżda jekk tinzerta skola huwa għandu jiġbor lit-tifla mis-2.30 ta' wara nofsinhar u jwassalha lura fis-7 ta' filgħaxija, (vii) f'Jum għeluq snin il-minuri, il-konvenut għandu jkollu aċċess mis-2.30 ta' wara nofsinhar sas-7 ta' filgħaxija, (viii) fil-ġurnata tal-Għid, din għandha tkun alternata minn sena għal sena, b'dan illi l-aċċess tal-konvenut għandu jkun mill-10 ta' filgħadu sas-6 ta' filgħaxija, (ix) Fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-aċċess għandu jkun fl-ewwel sena il-konvenut għandu jkollu *sleepover* ta' 24 siegħa bejn il-11 ta' filgħodu tal-24 ta' Diċembru sal-11 ta' filgħodu tal-25 ta' Diċembru, u *sleepover* ta' 24 siegħa bejn il-11 ta' filgħodu tal-1 ta' Jannar sal-11 ta' filgħodu tat-2 ta Jannar, u fit-tieni sena l-konvenut għandu jkollu aċċess ta' *sleepover* ta' 24 siegħa bejn il-11 ta' filgħodu mill-25 ta' Diċembru sal-11 ta' filgħodu tas-26 ta' Diċembru, u *sleepover* ta' 24 siegħa bejn il-11 ta' filgħodu tal-31 ta' Diċembru sal-11 ta' filgħodu tal-1 ta' Jannar. Magħdud ma' dan, il-konvenut jippretendi ukoll li t-tifla ma tkunx impejnata b'ħafna attivitajiet waqt l-aċċess tiegħu b'dana illi huwa jispiċċa jara lil minuri fil-karozza sakemm iwassalha, u barra minn hekk huwa jixtiew li jikkuntatja lil bintu wara l-iskola permezz ta' telefonata ta' ghaxar (10) minuti

jew messaġġi matul il-ġimgħa meta ma jkollux aċċess għaliha bejn l-4 ta' wara nofsinhar u t-8 ta' filgħaxija.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[20] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[21] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[22] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[23] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din inserta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess*

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

*minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[24] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[25] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>manteniment</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,* għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex

[24] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[25] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-<u>setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra,</u> u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti*

*enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

**5. Is-Sitwazzjoni Pendenti bejn il-Partijiet:**

Il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawża ngħataw s-segwenti digrieti *pendente lite* rigward il-kura, kustodja, aċċess, manteniment u kwistjonijiet oħra relatati mal-minuri:

a. *Digriet tat-2 ta' April 2015,*[26] fejn il-Qorti ordnat in-nomina tat-terapista Carmen Delicata sabiex tintervista lir-rikorrenti u lill-intimat, sabiex konsegwentament l-istess terapista tipprepara rapport dwar x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri;

b. *Digriet tat-28 ta' April 2015,*[27] fejn il-Qorti ordnat: (i) li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €50 fil-ġimgħa bħala manteniment *pendente lite* għal minuri E B u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, b'effett mis-27 ta' Marzu 2015, u (ii) li l-imsemmi manteniment jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut u jkun imħallas direttament lill-attriċi;

c. *Rapport tat-Terapista tal-Familja Carmen Delicata tal-4 ta' Ġunju 2015,*[28] fejn jidher li l-partijiet qablu bejniethom bonarjament illi: (i) rigward il-kura u kustodja din għandha tkun f'idejn l-omm waqt li flimkien u konġuntivament jieħdu fl-aħjar interess tal-minuri dawk id-deċiżjonijiet

[26] Fol. 16.
[27] Fol. 28.
[28] Fol. 35.

importanti dwar is-saħħa u edukazzjoni, (ii) rigward ir-residenza tal-minuri din għandha tkun mal-omm, (iii) rigward l-aċċess, għall-ewwel sitt (6) ġimgħat dan għandu jkun fil-preżenza tal-omm, u dan għandu jkun nhar ta' Tlieta bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija, u fi tmiem il-ġimgħa b'mod alternat is-Sibt bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija filwaqt li fil-*weekend* ta' wara l-Ħadd bejn l-10 ta' filgħodu u nofsinhar – iżda meta l-omm tinzerta xogħol *afternoon* nhar ta' Tlieta, dakinhar l-aċċess ma jsirx iżda l-aċċess matul tmiem il-ġimgħa jiżdied b'dana illi meta l-aċċess ikun is-Sibt il-ħin ikun bejn l-4 u s-7 ta' filgħaxija, u jekk ikun il-Ħadd bejn l-10 ta' filgħodu u s-1 ta' wara nofinshar, (iv) rigward l-aċċess u wara li jgħaddu l-ewwel sitt (6) ġimgħat, dan għandu jiżdied b'ħames (5) jew erba' (4) sigħat, (v) rigward l-aċċess, meta l-minuri tagħlaq seba' (7) jew tmien (8) snin, jibdew isiru ukoll *sleepovers* fejn fl-ewwel ġimgħa dan iseħħ bejn il-Ġimgħa u s-Sibt bejn it-8 ta' filgħaxija sa nofsinhar tal-għada, u l-ġimgħa ta' wara bejn is-Sibt u l-Ħadd bejn it-8 ta' filgħaxija sa nofsinhar tal-għada, (vi) rigward safar, meta l-minuri tagħlaq tmien (8) snin, it-tnejn jistgħu jsiefru weħidhom mal-minuri għal btala barra minn Malta għal perjdu qasir fis-sena, liema perjodu jkun bi ftehim bejniethom, (vii) rigward manteniment, il-konvenut lest li jħallas is-somma ta €230 fix-xahar, filwaqt li l-attriċi tixtieq li dan jitla' għal €250. Tenendo conto ta' dawn il-proposti, it-terapista tikkonkludi li l-arranġament ppropost huwa wieħed kawt u għalhekk huwa wieħed li jista' jiġi adoperat in vista li d-differenzi fil-proposti huma minimi;

d. *Digriet tal-5 ta' Settembru 2015,*[29] fejn il-Qorti laqgħat it-talba fir-rigward tal-aċċess illi dan għandu jiġi eżerċitat mill-konvenut versu bintu E D B kull nhar ta' Tlieta bejn il-5 u s-7.30 ta' filgħaxija, u kull nhar ta' Ħadd bejn l-10 ta' filgħodu u l-5 ta' wara nofsinhar;

e. *Digriet tat-3 ta' Novembru 2015,*[30] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi għal varjazzjoni tad-digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2015 rigward l-aċċess;

f. *Digriet tas-17 ta' Diċembru 2015,*[31] fejn il-Qorti varjat il-ħin tal-aċċess ta' nhar ta' Tlieta sabiex il-konvenut ikollu aċċess għal minuri mis-2.30 ta' wara nofinshar sas-6 ta' filgħaxija, kif ukoll akkordat aċċess ulterjuri lil konvenut f'Lejliet il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena bejn l-10 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar u f'għeluq snin il-minuri ta' erba' (4) sigħat f'dawk il-ħinijiet li l-attriċi ma tkunx xogħol;

---

[29] Fol. 45.
[30] Fol. 53.
[31] Fol. 65.

g. *Digriet tal-5 ta' Jannar 2016*,[32] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi għal aċċess lil missier kif propost minnha;

h. *Digriet tat-22 ta' April 2017*,[33] fejn il-Qorti laqgħat is-segwenti talbiet, ossija: (i) li l-aċċess isir kull nhar ta' Tlieta mis-2.30 ta' wara nofsinhar sas-7.30 ta' filgħaxija, (ii) li jsir ukoll *sleepover* ta' 24 siegħa b'mod alternat, darba mill-Ġimgħa mis-6 ta' filgħaxija sas-Sibt sas-6 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta wara mis-Sibt mis-6 ta' filgħaxija sal-Ħadd sas-6 ta' filgħaxija. (iii) li jsir ukoll *sleepover* fil-btajjel u l-festi pubbliċi bejn is-6 ta' filgħaxija ta' lejliet il-festa pubblika sal-għada fil-festa pubblika sas-6 ta' filgħaxija, u dan darba kull wieħed b'dana li l-ewwel festa pubblika li jmiss tkun tal-konvenut, (iv) fil-vaganzi tas-Sajf, Għid u Milied, l-aċċess atat-Tlieta jiġi estiż mill-10 ta' filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, (v) f'Jum il-Missier, il-minuri tqatta' tali jum mal-konvenut mill-10 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija, (vi) F'jum għeluq snin il-konvenut, u sakemm tali ġurnata ma tkunx ġurnata ta' aċċess għal konvenut, il-minuri tqatta' erba' (4) sigħat mal-konvenut, ċjoe' mit-3 ta' wara nofsinhar sas-7 ta' filgħaxija, (vii) F'jum għeluq snin il-minuri, u sakemm tali ġurnata ma tkunx ġurnata ta' aċċess għal konvenut, il-minuri għandha tqatta' 4 sigħat mal-konvenut, (viii) f'każ li fil-ħin ta' aċċess il-minuri jkollha attivita', il-konvenut għandu jieħu ħsieb iwassalha u jiġborha;

i. *Digriet tas-26 ta' Ġunju 2017*,[34] fejn il-Qorti laqgat it-talba u ċjoe' li l-aċċess mill-Ġimgħa sas-Sibt u mis-Sibt sal-Ħadd ikun mill-5 ta' wara nofsinhar sal-5 ta' wara nofsinhar tal-għada, minnflok mis-6 ta' filgħaxija sas-6 ta' filgħaxija tal-għada;

j. *Digriet tat-2 ta' April 2019*,[35] fejn il-Qorti laqgħat is-segwenti talbiet, ossija: (i) fil-*weekend* l-aċċess ikun b'mod alternat darba fil-ġimgħa fis-6 ta' filgħaxija sas-Sibt sas-6 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-5 ta' wara nofsinhar sal-Ħadd sal-5 ta' wara nofsinhar, (ii) il-minuri ma tkunx waħidha ma' terzi waqt l-aċċess, u (iii) il-minuri ma għandhex torqod ma' terzi waqt l-i*sleepover*;

[32] Fol. 73.
[33] Fol. 112.
[34] Fol. 126.
[35] Fol. 175.

k. *Digriet tal-15 ta' Frar 2020*,[36] fejn il-Qorti laqgħat is-segwenti talbiet, ossija: (i) il-konvenut għandu jħallas nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni skont l-irċevuti annessi, (ii) l-attriċi hija awtorizzata li tiffirma kull dokument relatat mal-MUSEUM tat-tifla mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-konvenut, (iii) F'każ li l-konvenut ikollu aċċess f'Jum l-Omm, huwa għandu jwassal lil minuri fl-10 ta' filgħodu, u l-istess japplika f'Jum il-Missier.

## 6. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi

[36] Fol. 193.

sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D B, bint il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda tal-attrici jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. Għalkemm l-attriċi qiegħda titlob li hija tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, mill-atti jidher li l-konvenut qiegħed joġġezzjona għal dan iżda jtenni li din għandha tibqa' konġunta. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fil-preżenti il-minuri għandha ħdax-il (11) sena u li fil-preżent il-kura u kustodja tinsab konġunta f'idejn il-partijiet u qatt ma kienet fdata b'mod esklussiv lil xi wieħed mill-partijiet. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilha minn dejjem taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tagħha, fejn tgħix ma' ommha filwaqt li għandha aċċess adegwat ma' missierha, il-Qorti tinsab konvinta li l-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifisha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti taqbel illi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' vesitita fiż-żewġ partijiet konġuntivament għaliex *in primis* dan ikun ta' benefiċċju għall-minuri u *di piu'* lill-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm raġuni partikolari għaliex għandha tvesti ġenitur wieħed biss bil-kura u kustodja tal-imsemmija minuri.

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[37]

Il-minuri għandha d-dritt li tgawdi kemm lil ommha u kif ukoll lil missierha, u m'għandhiex tiġi mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali.

---

[37] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[38] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess ġiet regolata, fejn il-minuri fil-preżent għandha aċċess għal missierha kif ġej:

i. Nhar ta' Tlieta imis-2.30 ta' wara nofsinhar sas-7.30 ta' filgħaxija;
ii. *Sleepover* fi tmien il-ġimgħa b'mod alternat, mill-Ġimgħa fis-6 ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-6 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-5 ta' wara nofsinhar sal-Ħadd sal-5 ta' wara nofsinhar,
iii. *Sleepover* fil-btajjel u festi pubbliċi mis-6 ta' filgħaxija ta' lejliet il-festa sas-6 ta' filgħaxija ta' nhar l-festa, u dan b'mod alternat fejn darba ikun imissu l-konvenut u wara l-attriċi;
iv. Fil-vaganzi tas-Sajf, Milied u l-Għid, l-aċċess iseħħ bejn l-10 ta' filgħodu u t-8 ta' filgħaxija;
v. F'Jum il-Missier l-aċċess ikun mill-10 ta' filgħodu sas- 6 ta' filgħaxija;
vi. F'għeluq snin il-konvenut, l-aċċess ikun mit-3 ta' wara nofsinhar sas-7 ta' filgħaxija;
vii. F'għeluq snin il-minuri, l-aċċess għandu jkun ta' erba` (4) sigħat.

Il-konvenut jidher li qiegħed jaqbel ma' kif qiegħed jitħaddem l-aċċess, iżda jixtieq li jiżdied aċċess fl-Għid il-Kbir, kif ukoll *speeovers* f'Lejliet il-Milied, Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u nhar l-Ewwel tas-Sena. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tikkontendi li l-aċċess kif inhu fil-*weekend*, Ħdud, festi, għeluq snin it-tifla,

[38] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

u l-Għid, qiegħed tajjeb iżda tgħid li għandu jinbidel matul il-ġimgħa fi żmien l-iskola b'dana li jinqasam fuq jumejn bejn is-2.15 ta' wora nofsinhar sas-6 ta' filgħaxija.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-suġġerimenti tal-partijiet, tasal għal konklużjoni illi l-aċċess favur il-konvenut għandu jkun hekk:

a. *<u>Fost il-ġimgħa</u>*, kull nhar ta' Tlieta u Ħamis minn x'ħin il-minuri tispiċċa l-iskola sas-6.30pm fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollha l-vakanzi jiġi estiż mill-10am sat-8pm;

b. *<u>Fi tmiem il-ġimgħa</u>*, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa fis-6pm sas-Sibt fis-6pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5pm sal-Ħadd fil-5pm, b'dana illi l-minuri għandha toroqd f'kamra waħedha;

c. *<u>F'għeluq snin il-minuri</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa il-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, il-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

d. *<u>F'għeluq snin il-missier</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*ispleepover* għal dak il-*weekend* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

e. *<u>F'għeluq snin l-omm</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tlieta jew il-Ħamis u ċjoe' meta jkun imissu l-aċċess il-konvenut, tali aċċess għandu jintilef b'dana li jiġi l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*sleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3pm sas-Sibt 7.30am, u għal dak il-*weekend* biss ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' bintu

l-Ħadd mill-11am sal-5pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

f. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier*, l-i*sleepover* għal dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5pm sal-5pm;

g. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm*, għal dak il-*weekend* partikolari, l-i*sleepover* għandu mill-Ġimgħa fil-5pm sas-Sibt sal-5pm;

h. *Fil-festi pubbliċi li jaħbtu matul il-ġimgħa*, il-partijiet għandhom igawdu tali ġurnata flimkien ma' binthom b'mod alternat, b'dana illi jkun hemm hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri tkun ser tqatta' mal-konvenut mis-6pm sal-6m. L-ewwel festa pubblika wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat għandha tiġi mgawdija mill-konvenut ma' bintu;

i. *F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied*, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5pm sal-25 ta' Diċembru sal-5pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5pm sas-26 ta' Diċembru sal-5pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari u f'każ li l-Lejliet il-Milied u l-Milied jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

j. *F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5pm sat-2 ta' Jannar sal-5pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5pm sal-1 ta' Jannar sal-5pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari u f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

k. *Għal-festa tal-Għid il-Kbir*, b'mod alternat minn sena għal oħra, il-konvenut għandu jkollu aċċess ma' bintu bejn l-10am u s-6pm;

l. *Il-konvenut għandu d-dritt li jikkomunika b'mod liberu mal-minuri fuq iċ-ċellulari tagħha bejn it-3pm u t-8pm*.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser jibqgħu vestiti b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri ser tirrisjedi mal-omm, l-intimat għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs C Joseph Mifsud**,[39] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[40] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[41] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[42]".".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-attriċi ppreżentat prospett, b'dana illi ddikjarat illi tonfoq mensilment is-somma ta' €503.39, u dan apparti dawk l-ispejjeż straordinarji. Barra minn hekk, mill-atti jidher illi l-attriċi tinsab tinħadem fuq bażi *full-time* bħala operator mal-kumpanija Playmobil Malta Ltd. Madanakollu l-Qorti tinsab sprovvista minn kwalsiasi prova ta' x'jaħdem il-konvent u l-introjtu tiegħu. Magħdud ma' dan, jirriżulta li *pendente lite*, il-konvenut kien qiegħed iħallas is-somma ta' €50 fil-ġimgħa, u mill-affidavit tiegħu jidher li huwa lest li jħallas is-somma ta' €250 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250)

---

[39] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[40] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[41] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[42] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €325 kull xahar, ossija €75 fil-ġimgħa, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal bintu E D B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

Finalment, il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

a. Ir-residenza tal-minuri għandha tkun mal-omm ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi tiistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

b. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tibqa' vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, iżda l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi flimkien ma' ommha filwaqt li l-missier ikollu dritt għall-aċċess adegwat, il-Qorti tordna ukoll illi:

i. *Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja* għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu: inkluż dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

ii. *Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

c. Il-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha; u,

d. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi; u,

e. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-attur u jiġi depożitat direttament lill-konvenuta f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u tordna illi l-kura u kustodja tagħha tibqa' fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dana illi l-konvenut għandu jgawdi minn aċċess skont kif stabbilit f'din is-sentenza;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li kull benefiċċju u/jew għajnuna li għaliha hija eleġibbli l-minuri għandha tiġi pperċepita mill-attriċ għan-nom tal-istess minuri;

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €325 kull xahar, ossija €75 fil-ġimgħa, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal bintu E D B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

4. Ai termini tal-Artkolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna:

   a. Ir-residenza tal-minuri għandha tkun mal-omm ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

   b. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tibqa' vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, iżda l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi flimkien ma' ommha filwaqt li l-missier ikollu dritt għall-aċċess adegwat, il-Qorti tordna ukoll illi:

      i. *Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja* għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu: inkluż dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

      ii. *Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir

operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

c. Il-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day,* (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha; u,

d. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi; u,

e. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-attur u jiġi depożitat direttament lill-konvenuta f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess.

Bl-ispejjeż għandhom jitħalsu mill-konvenut.